MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Rikors Numru. 8/2006/1

**John Borg (ID 529351 m) Anthony Borg (ID 391546 m) u Giulia Briffa (ID 1052847)**

**vs**

**Carmel Borg**

Il-Bord.

Ra r-rikors promutur li permezz tieghu wara li r-rikorrenti iddikjaraw:

“Illi huma l-propjetarji ta’ l-ghalqa msejha “Ta’ Giarda” li qieghda fi Sqaq il-Garda tal-kejl maqsum f’zewg eghlieqi ta’ ghaxar sighan tikkonfina mill-punent mal-istess Sqaq il-Garda u min-nofsinhar ma’ beni ta’ Walter Pawley.

Illi l-awturi tar-rikorrenti kienu originarjament taw l-istess ghalqa bi qbiela lill-intimat Carmel Borg permezz ta' skrittura privata datata l-ewwel (1) ta' Frar, 1982 (Dok 'A') u liema skrittura giet emendata bi ftehim bejn il-partijiet.

Illi din l-ghalqa hija mqabbla ghand l-intimat bir-rata ta' sitt liri Maltin (Lm6) fis-sena, sussegwentement gie awmentat ghall-hmistax-il lira (Lm15) fis-sena bi qbil bejn il-partijiet.

Illi fl-istess skrittura privata fuq indikata gie espsressament stipulat illi f'kaz li s-sidien jigu biex jbieghu l-ghalqa, l-kira tittermina u l-intimat ikollu d-dritt ghall-wicc li jkolu mizruh meta jigi avzat li jkun ser isir l-bejgh.

Illi permezz ta' ittra datata 27 ta' Marzu, 2006 (Dok 'B') ir-rikorrenti infurmaw lill-intimat illi hima kienu ser ibieghu l-propjeta taghhom lil terzi persuni u kif ukoll li l-att tal-konvenju kien diga' gie iffirmat (Dok C).

Talbu lill-dan il-Bord sabiex jawtorizzahom jiehdu lura l-pussess tal-ghalqa fuq imsemmija u kif ukoll sabiex previa n-nomina ta' priti nominandi jistabilixxxi l-kumpens dovut lill-intimati ghall-wicc mizruh."

Rat illi l-intimat minkejja li debitament notifikat naqas li jintavola risposta;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-Bord ma ghandux ghalfejn jiddelibera fit-tul biex jiddetermina din il-kawza ghaliex minkejja illi r-rikorrenti jghid illi kien "espressament stipulat illi f'kaz li s-sidien jigu biex ibieghu l-ghalqa, il-kirja tittermina" dan ma jirrizulta minn imkien fl-iskrittura ta' lokazzjoni Dok A.  Din l-iskrittura, fil-klawsola penultima taghha tghid hekk:

*"Illi jekk il-proprietari jigu li ibighu l-imsemmija ghalqa, l-inquilin ikollu dritt ghall-wicc li ikollu mizruh meta jigi avzat li ikun sejjer isi r il-bejgh".*

Ghalhekk dak li qalu r-rikorrenti bil-gurament taghhom u cioe li l-inkwilin ftiehem maghhom li jizgombra l-ghalqa f'kaz li din tinbiegh ma jbiddilx dak li hemm sancit fl-iskrittura Dok A li bl-ebda mod ma jirrifletti dak li qed jghidu r-rikorrenti;

Ghal dawn il-mottivi tichad it-talba bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------